**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 10 ta' Marzu 2016**

**Pulizija**

**Spettur Robert Said Sarreo**

**Vs**

**Dean Tonna**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Dean Tonna, ta' 20 sena, iben Marco u Odette nee' Refalo, imwieled il-Pieta' nhar it-23 ta' Frar 1995, residenti gewwa 163, Triq Atocia, Hamrun, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 104295M.

Talli nhar il-15 ta' Mejju 2015 u it-23 ta' Meju 2015:

1) Flimkien ma persuna/i ohra, ikkommetta serq ta' diversi prodotti tal-ikel, ghad-detriment ta' Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi, Valhmor Borg Import Export Ltd u/jew persuna/i ohra, li il-valur taghhom jaccedi il-mitejn, tnejn u tletin euro u l-erbgha u disghin euro centezmi (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u

disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna;

2) U aktar talli fl-istess jiem, lok u cirkostanzi, xjentament xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe diversi prodotti ta' l-ikel, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu indahal biex ibieghu jew imexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jaccedi il-mitejn, tnejn u tletin euro u l-erbgha u disghin euro centezmi (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), kif ukoll bol-persuna.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-10 ta' Marzu 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi t-tieni imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, dik ta' serq, u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn euro (€200) lil Valhmor Borg Import Export ltd ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**